11 ta' Diċembru, 1967

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Paul Laferla**

*versus*

**Commodore Edward Palmer, noe**

**Danni — Responsabilità — Kawżalità, ness ta'.**

*Biex l-attur jista' jirnexxi fl-azzjoni tiegħu għar-risarċiment tad-danni jeħtieġ li jipprova l-eżistenza ta' ness ta' kawżalità bejn id-dannu u l-aġir tal-konvenut li allegatament ipprovokah*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi fid-19 ta' Jannar, 1944 l-attur kien xtara mingħand l-Ohlson Steamship Company l-S.S. Clavus waqt li dan il-vapur kien taħt requisition mill-Ministry of Transport tar-Renju Unit skond Charterparty T.99A u l-attur, bi ftehim mal-imsemmi Ministeru ħa fuqha d-drittijiet u l-obbligi kollha taħt l-imsemmi Charterparty; u li, wara li l-imsemmi S.S. Clavus kien ġie mitluq mill-ministeru tat-Trasport, instab li kien sofra ħsara rilevanti waqt li kien, kif ingħad, taħt requisition mill-imsemmi Ministeru u kellu jidħol id-Dockyard għat-tiswijiet meħtieġa; u li, għal dawn ix-xogħlijiet, l-attur ġie addebitat mill-awtoritajiet tad-Dockyard fl-ammont ta' **£7752.14.6**; u li

meta l-attur dar kontra l-Ministeru tat-Trasport għar-rifusjoni ta' din is-somma, dawn intimawh li ma kienux disposti jħallsuh din *is-somma* ammenocchè ma jippreżentalhomx itemised accounts dettaljati li jiġġustikawha; u li l-awtoritajiet tad-Dockyard naqsu li jippreżentaw dawn l-itemised accounts, nonostante, rikjesti ripetuti u insistenti tal-attur, b'mod li l-attur ġie preġudikat fit-talba li kien għamel lill-Ministeru tat-Trasport peress li dawn qatgħulu barra l-*imsemmija somma* in vista tal-fatt li ma kienitx sopportata mid-Dokumenti meħtieġa u dehrilhom *li kienet eċċessiva*; u *li hu*, għalhekk, ċar li n-nuqqas ta' l-awtoritajiet tad-Dockyard, li jipproduċu, kif kellhom l-obbligu u kif kienu mitluba li jagħmlu, il-kontijiet imsemmija arreka danni konsiderevoli lill-attur; talab li l-konvenut għar-raġunijiet premessi, jiġi dikjarat responsabbli tad-danni f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż *inklużi* dawk tal-protesti tat-30 ta' Jannar, 1952, tat-18 ta' Ottubru, 1954, u tas-16 ta' Ottubru, 1959;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 19) li biha eċċepixxa;

1) *illi d*-domanda attriċi hija insostenibbli għax huwa ma kien ebda mod tenut jagħti dettalji preċiżi lill-attur, li kien talab bil-miktub lill-konvenut nomine biex jagħmillu x-xogħlijiet meħtieġa fuq il-vapur "Clavus" u għal ħlas ta' liema xogħlijiet kien unikament responsabbli l-istess konvenut, u ebda terza persuna.

3) *Illi fil-fatt* huwa ta' *d-dettalji mitluba* mill-attur kif suġġeriti mill-attur stess, li wara kollox tħallas mill-Ministry of Transport. — B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra u mingħajr preġudizzju tad-drittijiet spettanti lill-eċċipjent għal kull raġuni u kawża u barra l-kwistjoni odjerna;

**Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 1966 li**

biha ġiet mitħuda t-talba tal-attur u ordnat illi l-ispejjeż, stanti ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jibqgħu bla taxxa dritt tar-reġistru a kariku tal-attur wara li kkunsidrat.

Omissis

Rat in-nota tal-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li tiġi konfermata biss fejn iddikjarat li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu u tiġi revokata għall-bqija, b'mod li jiġi deċiż għall-akkoljiment tat-talba dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine li biha qal illi s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma.

Rat l-atti kollha tal-kawża preżenti kif ukoll dawk tal-kawża fl-ismijiet "Hawkins vs. Laferla" deċiża minn dik il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 1964 u li għaliha saret riferenza, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi qabel xejn jingħad illi, għalkemm fis-sentenza appellata jingħad li d-danni reklamati huma extra-kontrattwali, id-difensur tal-appellant fil-kors tat-trattazzjoni ippreċiża — dak li din il-Qorti jidhriilha li jista' jkun aktar konfaċenti mal-ipotesi, tal-liġi billi bejn il-partijiet interċedew rapporti kontrattwali — illi l-pretensjoni tiegħu tirrigwarda responsabbilità għal danni "ex contractu". Dan però fl-isfond li ser jiġi trattat m'għandux xi rilevanza partikolari, in vista ta' dak li aktar 'lisfel jingħad, għas-soluzzjoni tal-każ in ispecie.

Illi biex l-istanza attriċi tista' tirnexxi jeħtieġ li l-attur appellant jipprova bejn id-dannu fil-konfront tiegħu u l-kolpa fil-konfront tal-appellat ness ta' kawżalità. Id-dannu l-attur appellant qed jagħmlu jikkonsisti fil-fatt minnu allegat fiċ-

ċitazzjoni u fil-petizzjoni tal-appell li għall-ħsara mġarrba mill-vapur tiegħu "Clavus" u riparata fid-Dockyard ta' Malta li għaliha kellu jitħallas mill-Ministeru tat-Trasport tal-Ingilterra ma ġiex fil-fatt imħallas. Il-kolpa l-attur appellant qed jagħmilha tirrisiedi fin-nuqqas tal-awtoritajiet tad-Dockyard ta' Malta li lilhom fada x-xogħol li nformah b'"itemised accounts" tal-ħsara minnhom riparata. In-ness ta' kawżalità l-attur appellant qed jirravviżah f'dan li, kif jgħid hu, s-somma ta' £7752.14.6 lilu addebitata mill-awtoritajiet tad-Dockyard għall-imsemmija riparazzjonijiet ġiet lilu maqtugħa barra mill-Ministeru tat-Trasport billi l-istess awtoritajiet tad-Dockyard ma pproduċewx fiż-żmien xieraq, kif kienu mitluba u kif kellhom l-obbligu li jagħmlu, l-imsemmija "itemised accounts".

Illi apparti l-fatt illi l-istess attur ma ħallasx lill-awtoritajiet tad-Dockyard l-ammont kollu li irreklama mill-Ministeru billi eventwalment ġiet imħallsa somma inferjuri (ara s-sentenza "Hawkins vs Laferla" fuq imsemmija) u apparti l-kwistjoni jekk l-awtoritajiet tad-Dockyard kellhomx fin-nuqqas ta' ftehim preventiv fuq daqshekk obbligu legali li jfornixxu dawn l-"itemised accounts"; anki kieku wieħed kellu għall-grazzja tal-argument jaċċetta ż-żewġ rekwiżiti ta' dannu f'xi ammont, ikun li jkun, u kolpa fl-inadempiment tal-obbligazzjoni tal-konvenut, fil-każ li tezisti, li jipproduċu "itemised accounts" tibqa', kif sewwa irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti l-kwistjoni bażilari fil-każ in eżami jekk kienx hemm dak in-ness ta' kawżalità li trid il-liġi bejn dawn iż-żewġ elementi.

Illi n-ness ta' kawżalità hu fiċ-ċentru tal-problema tar-responsabbilità ċivili, mingħajr il-ħtieġa f'dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina *moderna* tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-loġika) ta' distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bħala kawża tad-dannu jrid ikun il-kawża ġeneratriċi tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera

f'ness ta' kawżalità mal-fatt kolpus li fuqu tkun bażata domanda għar-*risarċiment* jew .*bħal fil-każ preżenti*, għax dan in-ness jibqa' ugwalment meħtieġ u dan qed jingħad in vista ta' rifless *appositu* magħmul mill- appellant) domanda għad-dikjaratorja tar-responsabbilità. L-artikolu 1180 tal-Kodiċi Ċivili *jiddenunzja* espressament illi d-danni li jitħallsu jridu jkunu "l-effett immedjat u dirett" tal-ksur ta' l-obbligazzjoni. Il-kwistjoni li trid tiġi riżolta f'dan il-kontest fil-każ preżenti hi jekk hux pruvat li l-attur kienx jitħallas mill-Ministeru tat-Trasport tal-*Ingilterra* dak li ma ġiex imħallas jew parti minnu kieku l-awtoritajiet tad-Dockyard ta' Malta fornew lill-istess attur fiż-żmien *xieraq* l-"itemised accounts."

Illi wara li irrifletties sewwa fuq *ir-riżultanzi* prosesswali din il-Qorti, *bħal-ewwel* Onorabbli Qorti, ma tħossx li jista' jingħad li ġie pruvat dan in-ness ta' kawżalità, u tagħmel riferenza għall-argomenti żvolti f'dan ir-rigward fil-parti rilevanti tas-sentenza appellata. L-appellant issottometta *illi* għal-kemm hu minnu *li l*-Ministeru tat-Trasport kien aċċetta li jħallas tat-tiswijiet *rilevanti* purkè jkun *sodisfatt* li l-ħsara saret b'negliġenza tan-nies tas-servizz, din il-prova ma kienitx għall-istess appellant tippreżenta *ebda diffikoltà*; però l-kwistjoni hawnhekk mhix jekk il-prova setgħatx issir jew anki, jekk setgħat issir, kemm faċilment setgħat *issir*, imma jekk fil-fatt saritx għas-sodisfazzjoni tal-imsemmi Ministeru u mid-dokumenti eżibiti jidher li meta sar il-ħlas il-Ministeru ma kienx sodisfatt li saret. Kompla jgħid l-istess appellant li tal-kont kollu tal-"grab damage" (li hu *dak rilevanti* għall-każ) li ġie msewwi l-Ingilterra (fejn ġew forniti l-"itemised accounts") il-Ministeru fil-fatt ħallsu u *kwindi irrikonoxxa* r-responsabbilità tiegħu għall-"grab damage" u ladarba ħallas għat-*tiswijiet* tal-Ingilterra bilfors *irid* ħallas għal dawk ta' Malta li kienu kontinwazzjoni tagħhom. Imma apparti l-fatt illi l-istess appellant stqarr fl-ittra tiegħu a *fol.* 61 illi l-pagament

magħmul mill-Ministeru tat-Trasport kien "ex gratia payment" u infatti qal ukoll illi hu kellu jaċċetta l-offerta tal-Ministeru għax inkella kienet ser tiġi rtirata u hekk hu jitlef il-qaleb u l-ġbejna, u apparti anki l-fatt li ma tidhirx ġustifikata l-asserzjoni li għat-tiswijiet tal-"grab damage" fl-Ingilterra l-appellant ġie mħallas l-intier għax, kif jirriżulta mill-ittra tal-Ministeru a fol. 148 (vide, fol. 149) ġiet imħallsa "a contribution of £5,000 towards the total cost of £13,948.5.0. for grab damage repairs" u dan fuq il-bażi ta' "evidence of incidents where such damage occurred during discharge by service personnel" (ibidem), jirriżulta, kif sewwa irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti illi s-somma mħallsa lill-appellant mill-Ministeru kienet tirriferixxi għal dik il-parti tal-ħsara li dan irritjena li setgħet tiġi attribwita lill-personal tas-servizzi u in bażi għal u fil-limiti ta' din l-attribuzzjoni. "It is not true to say," qal il-Ministeru tat-Trasport fl-ittra a fol. 148, "that owners' claim was rejected by the Ministry owing to lack of details of repairs, as our only criterion in assessing a claim is the extent of our liability under the charter party. In fact we had very full details of the cost of the various repairs subsequently effected, including the grab damage repaired at Malta Dockyard." Mal-osservazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward tista' forsi tiżdied ir-ripulsa, kontenuta fl-aħħar paragrafu tal-ittra tal-Ministeru a fol. 12, tad-dikjarazzjoni magħmula fit-tieni paragrafu tal-ittra tal-konsulent legali tal-appellant a fol. 158.

Illi l-appellant issottometta wkoll bħala speċi ta' ripieg illi fi kwantunkwe każ bl-"itimised accounts" hu kien jassoda jdejh aktar fit-trattativi mal-Ministeru. Din però hi konsiderazzjoni wisq vaga u indeterminata biex jista' jkollha influwenza deċiżiva għal dak li hu n-ness ta' kawżalità.

Fl-aħħarnett il-Qorti tixtieq tirrileva illi, għalkemm f'din il-kawża l-provi li ġew ikkunsidrati sew mill-ewwel Onorabbli

Qorti kemm min din il-Qorti jikkonsistu preponderantement f'ittri u korrispondenza oħra eżibita sew mill-parti l-waħda kemm mill-oħra li ma ġietx konfermata bil-ġurament u n-nies l' iffirmawha jew hemm imsemmijin fiha ma dehrux bħala xhieda, l-attitudini taż-żewġ partijiet kienet illi l-Qorti setgħet tieħu konjizzjoni tagħhom u tiddeċidi fuqhom.

Għal motivi premessi din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell jibqgħu wkoll, in vista taċ-ċirkostanzi, bla taxxa.